TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 63/12

**Maria Caruana**
**vs**
**J.J. Scerri Co. Ltd.**

Illum 12 ta' Novembru, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mitejn u disgħa w erbgħin ewro (€249), rappreżentanti prezz ta' *washing machine* li kien marrilha l-mutur erba' darbiet.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *washing machine* għall-prezz ta' mitejn u disgħa w erbgħin ewro (€249), u marrilha l-mutur erba' darbiet u kull darba kienet issewwi.

L-intimat issottometta illi din hija magna żgħira u ma tiflaħx għall-istrapazz.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jikkonsidra illi hemm sitta min-nies jgħixu f'din id-dar u li allura tiġi wżata kontinwament u li ma tiflaħx għal dan l-istrapazz.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament għal bdil tal-mutur, u jordna lis-soċjeta' ntimata ssewwi l-*washing machine* billi jirriplejsja l-mutur għall-ħames darba, b'dan illi m'għandux jagħti l-ebda garanzija għax jidher illi l-magna qed tiġi wżata kontinwament u qed tistrapazzha, u b'dan illi l-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888